## QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
## BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Kump. Numru: 575/2023**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Carmela sive Carmen Borg**
(K.I 117556M)

**Illum, 30 ta' Ottubru, 2024**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Carmela sive Carmen Borg** xebba Baldacchino ta' sebgħa u sittin (67) sena, bint George Baldacchino u Carmela xebba Mifsud, imwielda Qormi, Malta, nhar il-ħmistax (15) ta' Jannar tas-sena elf disgħa mija u sitta u ħamsin (1956) u residenti 405, Casa Borg, Victory Street, Qormi, detentrici tal-karta tal-identità bin-numru 117556M u akkuzata talli f dawn il-gżejjer, bejn is-sena elfejn u erbatax (2014) u s-sena elfejn u għoxrin (2020), b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi jew dispożizzjonijiet relatati tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Għamlet atti ta money laundering billi:

   a. Ikkonvertiet jew ittrasferixiet proprjetà meta kienet taf jew tissuspetta li dik il-proprjetà kienet direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta', attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni fattività kriminali, għal-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-oriġini tal-proprjetà jew ta għoti ta għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati fattività kriminali;

   b. Ħbiet jew uriet ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta kienet taf jew tissuspetta li dik il-proprjetà kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

   c. Akkwistat, ippossjediet jew użat proprjetà meta kienet taf jew tissuspetta li l-istess proprjetà kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni fattività kriminali;

   d. Irritjeniet mingħajr skuża raġonevoli proprjetà meta kienet taf jew tissuspetta li l-istess proprjetà kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta parteċipazzjoni fattività kriminali;

   e. Ittantat tagħmel il-ħwejjeġ jew attivitajiet illegali fuq imsemmija;

   f. Aġixxiet bħala kompliċi fit-tifsir ta' l-Artikolu 42 tal-kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (ii), (iv) u (v) tal-artikolu 2 tal-kapitolu 373 tal-ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi wettqet kummerċ bankarju jew ta ħruġ ta flus f'Malta jew minn Malta meta ma kienitx kumpanija liċenzjata taħt l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju mill-awtorità' kompetenti.

3. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi wettqet kummerċ ta' istituzzjoni finanzjarja f'Malta jew minn Malta meta ma kienitx kumpanija liċenzjata taħt l-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji mill-awtorità' kompetenti billi negozjat fi strumenti ta' swieq finanzjarju kif ukoll fi strumenti oħra finanzjarji li jistgħu jiġu trasferiti.

4. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi sabiex kisbet xi vantaġġ jew benefiċċju għaliha nifisha jew għal ħaddieħor, f xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika u kwalunkwe awtoritajiet oħra (anke jekk mhux awtoritajiet pubbliċi), xjentement għamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tagħat tagħrif falz u dan billi naqset li tiddikjara il-qliegħ tagħha mal-kummissarju tat-taxxa u/jew entitajiet oħra;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tordna 'Ordni ta' Qbid u Iffriżar' u tissekwestra u/jew iżżomm f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjetà' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jappartjenu jew li jmissu lill-imputata jew huma proprjetà' tagħha, kif ukoll sabiex il-qorti tipprojbixxi lill-imputata milli tittrasferixxi, twiegħed, tipoteka jew tbiddel jew tiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnha ai termini tal-artikolu 5 tal-att Kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-ligijiet ta' Malta; tal- Artikolu 23A tal-kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta u l-artikolu 36 tal-att dwar ir-Rikavat tal-kriminalità', Kap. 621 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija jew ħtijiet, barra milli tinfliġġi l-pieni stabbiliti fil-liġi u b'żieda mal-imsemmija piena, tordna wkoll il- konfiska ta' l-oġġetti kollha eżebiti, tal-corpus delicti u l-

istrumenti li servew jew li kien maħsub li jservu sabiex isir id-delitt, u ta' kull ma jkun ġie miksub bid-delitt, kif ukoll tordna il-konfiska favur il-gvern tar-rikavat li jiġi mir-reat jew ta' dik il-propjetà' li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għal-valur ta' dak ir-rikavat kif ukoll tal-proprjetà' kollha tal-imputata fit-termini tal-artikolu 3(5) tal-Kap. 373 kif ukoll artikoli 23 u 23B tal-kodiċi Kriminali u l-Att dwar ir-Rikavat Kriminali, Kap. 621 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużata għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil- proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta nhar id-19 ta' Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi waqt is-seduta tal-04 ta' Marzu 2024 il-prosekuzzjoni u d-difiża eżentaw lill-Qorti milli terġa tisma x-xhieda u milli terġa tirċievi d-dokumenti kollha li ġew preżentati quddiem din il-Qorti kif diversament ippresjeduta sa qabel dik l-udjenza.

Rat l-Ordni tal-Avukat Ġenerali tal-21 ta' Lulju 2023 fejn ordnat illi Carmela sive Carmen Borg titressaq quddiem il-Qorti Kriminali sabiex twieġeb għall-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Ġenerali tal-21 ta' Lulju 2023 maħruġ ai termini tal-Artikolu 35(4) tal-Att XV tal-1994 dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta);

Rat il-Kunsens tal-Avukat Ġenerali tal-21 ta' Lulju 2023 maħruġ ai termini tal-Artikolu 22(5) tal-Att tal-1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji (Kap. 376 tal-Liġijiet ta' Malta);

Rat l-Ordni ta' Qbid u Ffriżar tal-Assi fil-konfront tal-akkużata erogat nhar is-26 ta' Settembru 2023 kif ukoll id-Digriet datat l-24 ta' April 2024 li permezz tiegħu l-Ordni ta' Qbid u Ffriżar beda jiġi regolat bid-disposizzjonijiet tal-Att VI tal-2024;

Rat illi għall-eżami magħmul ai termini tal-Artikolu 390(1) u 392 tal-Kodiċi Kriminali nhar is-26 ta' Settembru 2023, l-akkużata wieġbet li m'hijiex ħatja tal-akkużi dedotti kontra tagħha;

Rat l-Ordni tal-Avukat Ġenerali datat it-22 ta' Lulju 2024 li permezz tiegħu, ai termini tal-Artikolu 3(2A)(b)(ċ) tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat illi l-akkużata tiġi pproċessata quddiem din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat l-Artikoli maħruġa mill-Avukat Ġenerali datati 22 ta' Lulju 2014 fejn indika li l-akkużata għandha tinstab ħatja taħt dak li hemm maħsub:

a) Fl-artikoli 17, 18, 23, 23A, 23B, 23Ċ, 31, 188(1) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u fl-artikoli 36 u 38 tal-Att dwar ir-Rikavat tal-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Fl-artikoli 2(1)(2), 5, 35(1)(e), (2)(3) u l-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta;

c) Fl-artikoli 2,3(1)(1A), 22(1)(f),(3)(4) u l-Ewwel Skeda tal-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji, Kap. 376 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 3(1) u l-Ewwel Skeda tar-Regolament dwar Pieni u Penali għal Reati (Leġislazzjoni Sussidjarja Nru 376.02);

liema Artikoli nqraw fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2024 fejn l-akkużata ddikjarat li m'għandiex oġġezzjoni li tiġi ġudikata minn din il-Qorti.

Rat illi b'rikors konġunt tal-prosekuzzjoni u tad-difiża ai termini tal-Artikolu 392A(5) tal-Kodiċi Kriminali datat it-22 ta' Lulju 2024, il-prosekuzzjoni u d-difiża indikaw piena li, fil-fehma tagħhom, tkun waħda idonea fl-eventwalità ta' ammissjoni ta' ħtija da parti tal-akkużata;

Rat li fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2024 l-akkużata rreġistrat ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tagħha u fid-dawl ta' din l-ammissjoni l-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħatat żmien xieraq sabiex, jekk trid, terġa' lura minnha.

Rat illi in segwitu għall-ammissjoni ta' ħtija, il-partijiet talbu lill-Qorti sabiex tagħti s-sentenza tagħha fuq dak indikat minnhom fir-rikors tagħhom tat-22 ta' Lulju 2024

Rat in-nota tal-prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 36(4)(b)(i) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità datata t-22 ta' Lulju 2024 li permezz tagħha indikat illi l-propjetà soġġetta għall-konfiska għandha tkun is-somma ta' flus speċifika fl-ammont ta' sebgħa u tletin elf Ewro (€37,000);

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inkluża l-Fedina Penali tal-akkużat;

Rat ix-xhieda mogħtija;

Rat illi din is-sentenza qed tingħata u tiġi mogħtija fuq talba tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi mill-investigazzjonijiet tal-pulizija u mix-xhieda mogħtija quddiem din il-Qorti jirriżulta illi l-akkużata kellha ħanut ġewwa Ħal-Qormi li minnu kienet tbiegħ prodotti ta' ikel ta' l-annimali, bħal ġwież, detergents u affarijiet oħra għad-dar. Hija ma kelliex kummerċ qawwi b'dan il-ħanut. Jirriżulta li l-akkużata kienet toffri wkoll is-servizz ta' tisrif ta' ċekkijiet fuq l-idejn fejn terzi persuni kienu jagħtuha ċekk li jkunu rċevew u minflok isarrfuħ f'xi Bank, imorru jsarrfuh għandha. Dan is-servizz kienet toffrieħ mid-dar

tagħha, mill-garage li jinsab biswit id-dar jew mill-ħanut li kellha. Ta' dan is-servizz hija kienet iżżomm bejn €2 sa €20 fuq kull ċekk, skont il-valur tiegħu. F'xi okkażjonijiet kienet anke żżomm perċentwal ta' madwar 10% tal-valur taċ-ċekk. L-akkużata imbagħad kienet tiddepożita dawn iċ-ċekkijiet fil-kontijiet tagħħa miżmuma mal-banek. Irriżulta mill-konijiet bankarji eżaminati mill-pulizija u ppreżentati fl-atti li hija ddepożitat ammont kbir ta' ċekkijiet f'dawn il-kontijiet bankarji. Dawn iċ-ċekkiijet kienu jkunu intestati f'isem terzi persuni.

Irriżulta li fil-kontijiet tagħha miżmuma mal-Bank of Valletta plc, bejn l-2014 u l-2020 iddepożitat madwar 2,060 ċekk b'valur komplessiv ta' €1,243,151.19ċ. Minn dokumentazzjoni provduta mill-Bank of Valletta plc lill-pulizija jirriżulta illi hija kienet reġistrata bħala self-employed. Hi ddikkjarat mal-Bank li mill-ħanut tagħha kellha dħul ta' madwar €4,000 fis-sena u kellha introjtu ieħor ta' €8,400 mill-pensjoni.

Irriżulta wkoll li f'kont miżmum mal-HSBC Bank, bejn l-2014 u l-2020 iddepożitat madwar 2,403 ċekk bl-ammont kumplessiv ta' €722,270.39 filwaqt li f'kont ieħor miżmum ukoll mal-HSBC Bank bejn Awwissu 2005 u l-2018 iddepożitat 323 ċekk li, fil-maġġoranza tagħhom, kienu maħruġa mill-Bank Ċentrali ta' Malta u intestati lil terzi b'valur kumplessiv ta' €87,035.58. Bejn il-31 ta' Jannar 2018 u t-22 ta' Mejju 2018 hija kellha kont ieħor miżmum mal-HSBC Bank u fih iddepożitat 117-il ċekk b'valur komplessiv ta' €42,944.10.

Il-*modus operandi* tagħha kien li tiddepożita dawn iċ-ċekkijiet u mbagħad tiġbed il-flus *cash*. B'kollox, fil-kontijiet kollha tagħha ddepożitat 4,903 ċekk b'valur globali ta' €2,095,410.26ċ. Minn dan l-ammont globali, li huwa turnover tal-attivitià tagħha, u wara li tkellmet ma' 33 persuna li użaw dan is-servizz, il-prosekuzzjoni kkalkolat li bħala *average*, l-akkużata kienet iżomm €7.50 fuq kull ċekk, u b'hekk tistma li żammet madwar €36,000 għaliha bħala qliegħ.

Illi jirriżulta wkoll li hi kienet reġistrata ma' JobsPlus bħala self-employed fuq bażi part- time mill-1 ta' Awwissu 2009 sal-1 ta' Mejju 2014.

Illi jirriżulta wkoll li l-akkużata m'għandha ebda reġistrazzjoni mal-Awtorità Maltija Għas-Servizzi Finanzjarji (MFSA) u ma żżomm ebda liċenzja bħala istituzzjoni finanzjarja u l-anqas hija reġistrata bħala direttur. Ma żżomm ebda liċenzja wkoll mal-Banking Provision Department fi ħdan l-istess Awtorità. Di più, m'għandha ebda liċenzja maħruġa mid-Dipartiment tal-Kummerċ.

Illi mill-formoli tat-taxxa (Inland Revenue) eżebiti jirriżultaw is-segwenti dħul:

| Sena ta' Stima (YA) | Dħul (€) | Dokument |
|---|---|---|
| 2015 | 7,928 | Tax Return |
| 2016 | 7,801 | Tax Return |
| 2017 | 7,914 | Non-filer |
| 2018 | 7,983 | Non-filer |
| 2019 | 8,177 | Non-filer |
| 2020 | 9,998 | Non-filer |
| 2021 | 9,760 | Non-filer |

Illi mill-formoli tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) eżebiti jirriżulta illi l-akkużata irreġistrat mad-Dipartiment bħala sole trader bin-numru MT1387-9001 f'Jannar 1999. Dan in-numru ma baqgħax attiv mill-1 ta' Novembru 2006. Irreġistrat ukoll bħala sole trader bin-numru MT 1183-2201 u ma baqgħax attiv mill-1 ta' Novembru 2015.

Illi jirriżulta wkoll li l-akkużata ilha tipperċepixxi l-pensjoni tar-romol sa mill-25 ta' Ġunju 2011 filwaqt li bejn it-2 ta' Lulju 2011 u l-1 ta' Jannar 2021 kienet tipperċepixxi l-Allowance Supplimentari.

Ikkonsidrat:

Illi l-akkużata ammettiet l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tagħha u għaldaqstant iddikjarat il-ħtija tagħha u dan ai termini tal-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi mill-provi prodotti sa dan l-istadju, il-Qorti ma tara ebda raġuni għalfejn għandha tiddubita mill-ammissjoni tal-akkużata u b'hekk, stante li l-Artikolu 392A(3) ma jsibx applikazzjoni għall-każ *de quo,* fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tagħha l-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużata ħatja tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tagħha kif minnha ammessi.

Illi permezz tar-rikors konġunt tal-Avukat Ġenerali u tal-akkużata ai termini tal-Artikolu 392A(5) tal-Kodiċi Kriminali, il-partijiet indikaw illi fl-eventwalità ta' dikjarazzjoni ta' ħtija, il-piena li għandha tiġi nflitta għandha tkun dik ta sentejn priġunerija sospiżi għal perjodu ta' erba snin, flimkien ma' multa ta' ħamsa u għoxrin elf Ewro (€25,000) u dan oltre kwalsijasi spejjeż, sanzjoni u/jew konsegwenza oħra tassattiva għad-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Att kontra l-Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi fir-rigward tal-piena inflitta, il-Qorti tqis li għalkemm kien hemm turnover konsiderevoli ta' flejjes fil-kontijiet tagħha, u għalkemm kien hemm depożitu ta' eluf ta' ċekkijiet, il-qliegħ li effettivament għamlet minn din l-attività tul is-snin kollha kien ta' €36,000. Di più, minkejja l-età avvanzata tal-akkużata, il-fedina penali tagħha hija waħda nadifa u din hija l-ewwel darba li xellfet difrejha mal-liġi. B'hekk abbażi ta' dan piena karċerarja effettiva m'hijiex waħda idonea għal dan il-każ speċifiku. Di più, il-piena proposta mill-prosekuzzjoni u d-difiża fir-rikors tagħhom hija waħda li tirrinkwadra fil-parametri tal-liġi.

Għalhekk, tenut kont (i) tal-ammissjoni tal-akkużata ai termini tal-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) tal-fatt li l-Qorti hija sodisfatta li s-sanzjoni u miżura proposti kienu jkunu leġittimament imposti fuq l-akkużata f'każ ta' sejbien ta' ħtija ai termini tal-Artikolu 392A(7) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u (iii) li m'hemm ebda raġuni għalfejn il-Qorti tordna t-tkomplija tal-kawża skont l-Artikolu 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib illi l-elementi kollha rikjesti għal din il-proċedura huma pjenament sodisfatti u għalhekk ser tgħaddi biex tilqa' t-talba tal-partijiet u, konsegwentement, permezz tal-preżenti, qed tiddikjara illi din is-sentenza li qiegħda tingħata qed tiġi hekk mogħtija fuq talba tal-partijiet.

Ikkonsidrat;

Illi permess tan-nota tagħha ai termini tal-Artikolu 36(4)(b)(i) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità datata t-22 ta' Lulju 2024, il-prosekuzzjoni ndikat illi l-propjetà li għandha tkun soġġetta għall-konfiska fil-każ ta' sejbien ta' ħtija għandha tkun is-somma ta' sebgħa u tletin elf Ewro (€37,000);

Illi waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru 2024 l-akkużata għarrfet lill-Qorti illi hija tixtieq tagħmel xi sottomissjonijiet fir-rigward tan-nota tar-rikavat tal-prosekuzzjoni u filfatt hija ssottomettiet tali nota fid-9 ta' Ottubru 2024 li permezz tagħha qed toġġezzjona għall-ammont indikat mill-prosekuzzjoni. Illi di più, il-prosekuzzjoni u d-difiża għamlu s-sottomissjonijiet tagħhom fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2024;

Illi min-nota tal-prosekuzzjoni jirriżulta lili dan l-ammont hu kkalkolat fuq l-average bejn l-irħas ammont ta' €5 u €10 li kienet żżomm l-akkużata fuq iċ-ċekkijiet, li jammonta għal €7.50 immultiplikat bl-ammont ta' ċekkijiet ta' terżi depożitati fil-kont tagħha, ammontanti għal 4,903. Illi b'dan il-kalkolu, l-ammont prospettat mill-prosekuzzjoni huwa ta' €36,772.50ċ. Illi da parti tagħha, d-difiża tissottometti illi dan l-ammont huwa bbażat fuq konġetturi u ipoteżijiet u għaldaqstant u l-Qorti għandha tistrieħ fuq provi konkreti.

Illi l-Qorti tissottolinea li f'dan il-każ, l-akkużata ammettiet għar-reati kollha addebitati lilha u għalhekk ma kienx hemm il-ħtieġa ta' aktar provi da parti tal-prosekuzzjoni. Illi madanakollu, mill-atti proċesswali jirriżulta illi l-prosekuzzjoni ressqet 27 persuna li sarrfu ċ-ċekkijiet tagħhom għandha. Mit-tabella ppreżentata mill-Ispettur TonJoe Farrugia[1] jirriżulta illi l-pulizija kellmu 33 persuna. Illi mix-xhieda prodotta jirriżulta illi l-akkużata kienet iżomm ammonti varji. Hemm xhieda li qalu li kienet ġieli żżomm €2 jew €3,[2] hemm min qal li kienet iżżomm bejn €5 jew €10,[3] hemm min qal li kienet iżżomm bejn €10 jew €20[4] u kien hemm minn qal li kienet tieħu 1% tal-ammont taċ-ċekk.[5] Kien hemm minn xehed li ma kienet titolbu xejn iżda kien jagħti donazzjoni tas-servizzi mogħti[6] u kien hemm minn xehed li ma talbet xejn u ma ngħatat ebda ammont.[7] Illi għalhekk jirriżulta li l-akkużat żammet inqas minn €5 f'numru ta' każi u f'każi oħrajn hija ngħatat donazzjoni jew saħansitra ma ngħatat jew żammet xejn.

Fil-fehma tal-Qorti u anke in omaġġ tal-prinċipju li kull dubju għandu jmur favur l-akkużat, l-ammont prospettat mill-prosekuzzjoni ta' €7.50 fuq kull ċekk in kwantu ta' rikavat huwa ammont għoli. Meta l-Qorti tqis li numru ta' ċekkijiet ħallew rikavat ta' €2 jew €3 u numru ta' ċekkijiet ma ħallew ebda rikavat, l-ammont ta' €5 fuq kull ċekk bħala rikavat huwa aktar ekwu u jirrispekkja aktar mill-qrib ir-rikavat li bbenefikat minnu l-akkużata. Għalhekk il-Qorti ser tieħu dan l-ammont ta' €5.00 bħala r-rikavat medju li ħalla kull ċekk li ġie msarraf. Dan l-ammont immoltiplikat b'4,903 ċekk iħalli rikavat ta' €24,515 u fil-fehma tal-Qort, dan huwa l-ammont li għandu jiġi kkonsidrat bħala rikavat.

---

[1] Ara Dok "TF" a fol. 197 tal-Atti proċesswali.,

[2] Ara x-xhieda ta' Pawlu Vassallo a fol. 318, Marvin Ciantar a fol. 352, Bernard Schembri a fol 623, Oriana Borg a fol 658, Kurt Azzopardi a fol 703A u Josette Cuschieri a fol 708.

[3] Ara x-xhieda ta' Ronald Gafa a fol 219, Paul Galea a fol 230, Joseph Deguara a fol 242, Warren Spiteri a fol 421, Louis Grixti a fol 427, Jennifer Mangion a fol 628, Max Micallef a fol. 633, Colette Zammit a fol 637, Mario Barbara a fol 640, Ritienne Valletta a fol 711,;

[4] Ara x-xhieda ta' Charlotte Attard a fol 661, Frans Abdilla a fol 361

[5] Ara x-xhieda ta' Gianluca Gafa a fol 225.

[6] Ara x-xhieda ta' Victor Vella a fol 237, Nigel Spiteri a fol 346, Simona Saliba a fol. 357, Deemer Casha a fol. 439, Raymond Caruana a fol. 645 u Marthese Scicluna a fol. 666.

[7] Ara x-xhieda ta' Salvina Farrugia a fol 417 u ta' Marie Louise Magri a fol. 716.

**Deċide:**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 18, 23, 23A, 23B, 23Ċ, 31, 188(1) u 533 tal-Kodiċi Kirminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta; l-Artikoli 2 u 3 tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta; l-Artikoli 2(1)(2), 5, 35(1)(e)(2)(3) u l-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta; l-artikoli 2, 3(1)(1A), 22(1)(f),(3)(4) u l-Ewwel Skeda tal-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji, Kap. 376 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 3(1) u l-Ewwel Skeda tar-Regolament dwar Pieni u Penali għal Reati (Leġislazzjoni Sussidjarja Nru 376.02) u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tagħha, qed issib lil **Carmela sive Carmen Borg <u>ħatja</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tagħha u qed tikkundannaha għal piena ta' sentejn (2) priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tordna li din il-piena ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk matul il-perijodu ta' erba' (4) snin mil-lum hi tikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, kif ukoll għal multa ta' ħamsa u għoxrin elf Ewro (€25,000).

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 38 tal-Att dwar Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tagħmel Ordni ta' Konfiska li permezz tiegħu qed tikkonfiska s-somma ta' flus speċifika fl-ammont ta' erbgħa u għoxrin elf, ħames mija u ħmistax-il Ewro (€24,515).

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti spjegat lill-ħatja bi kliem ċar ir-responsabiltà tagħha taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk hija tikkommetti matul il-perijodu operattiv, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Billi ma jirriżultax mill-atti li kien hemm xi spejjeż ta' esperti nominati f'dawn il-proċeduri, l-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Uffiċju Għall-Irkupru tal-Assi.

Tordna wkoll li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza u dan a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ft.Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**